# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 9 ta' Frar, 2023**

**Numru**

**Rikors Numru: 634/2021 TA**

**Paul Galea (ID 167943M) u b'digriet tat-9 ta' Frar 2023 Maria Lourdes Galea ġiet awtoriżżata tassumi l-atti minflok Paul Galea stante d-deċess tiegħu fil-mori tal-kawża, George Galea (ID 155860M), Salvatore sive Salvu Galea (ID 737344M), Mary Demicoli (ID 382441M), Theresa Galea (ID 599547M), Maria Dolores sive Doris Galea (ID 170057M), kif ukoll Rose Cortis (ID 321464M), Jane Farrugia (ID 727861M) u Helen Busuttil (ID 531865M)**

**Vs**

**Avukat għal-Istat, u b'digriet tal-11 ta' Novembru 2021 Mary Anne (Marianna) Cini u Georgia Chircop ġew kjamati in kawża, u b'digriet tat-23 ta' Frar 2022 Josephine (Guza) Gatt ġiet kjamata fil-kawża u Joseph Chircop li b'digriet datat 12 ta' Ottubru 2022 ġie kjamat fil-kawża minflok Georgia Chircop.**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors Kostituzzjonali tar-rikorrenti ppreżentat fl-4 ta' Ottubru 2021 li permezz tiegħu talbu s-segwenti:-

1. ''Illi l-esponenti jikru lil Mary Anne (Mananni) Cini (ID 671925M) bħala residenza ordinarja tagħha l-fond numru 80 (ġa numru 9) Triq il-Baċir, Msida liema kirja bdiet qabel l-1 ta' Ġunju 1995. Illi l-inkwilina hija protetta taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kap 69. Illi hija qed tħallas kera ta' €209 u l-iskadenza li jmiss hija fil-31 ta' Jannar 2022.

2. Illi l-esponenti jikru lil Giorgia Chircop (ID 636539M) bħala residenza ordinarja tagħha l-fond numru 12 Triq Francesco Buħaġiar, Qrendi liema kirja bdiet qabel l-1 ta' Gunju 1995. Illi l-inkwilina hija protetta taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kap 69 u qed thallas kera ta' €206.50 u l-iskadenza li jmiss hija fl-10 ta' Marzu 2022.

3. Illi l-esponenti ippreżentaw rikorsi fil-Bord li irregola l-kera fejn qed jitolbu awment tal-kera a tenur tal-emendi reċenti fil-liġi. Illi l-esponenti jaċċettaw li fiż-żewġ każijiet l-iniwilini ma għandhomx kapital u dħul iktar mil-benchmarks stipulati fil-liġi.

4. Illi għalhekk l-inkwilini għandhom dritt skond il-liġi li jibqgħu jgawdu mit-tiġdid indefinit tal-lokazzjoni.

5. Illi l-esponenti m'humiex qed jinkludu lill-inkwilini bħala intimati f'dawn il-proċeduri u dan stante li m'humiex qed jitolbu rimedju fil-konfront tagħhom tenut kont tal-età avvanzata tagħhom.

6. Illi l-esponenti jħossu li ġew u sa issa għadhom qed jiġu vjolati d-drittijiet tagħhom għat-tgawdija tal-possedimenti tagħhom u dan stante;

   A) li l-inkwilini sa issa gawdew *security of tenure* u inoltre ma kienx possibbli għall- esponenti li jitħallsu kera ekwivalenti għall-prezz tas-suq għal għexierem ta snin u dan minħabba d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 u 4 tal-Kap. 69 kif kienu veljanti qabel Gunju 2021; u

   B) skond l-emendi fil-liġi li ġew fis-seħħ f'Ġunju 2021 permezz tal-Att XXIV tal-2021 senjatament l-Artikolu 4A (2) tal-Kap 69 il-massimu tal-kera li jista' jiġi stabbilit mil-Bord huwa ta 2 fil-mija (2%) tal-valur tal-fond iżda tali mekkaniżmu huwa ferm inqas mil-valur lokatizju tal-fondi imsemmija fis-suq liberu tenut kont tal-perċentwali baxxa u tal-valur tal-fondi mikrija tenut ukoll il-potenzjal tagħhom.

7. Illi għalhekk, minkejja l-emendi reċenti fil-liġi d-drittijiet tal-esponenti għat-tgawdija tal-possedimenti għadhom qed jiġu leżi stante li l-piż li qed iġorru huwa wieħed sproporzjonat u mhux qed jinżamm bilanċ ġust u xieraq.

8. Illi għalhekk ġew u għadom qed jiġu leżi d-drittijiet tal-esponenti kif sanċiti bid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 Protokol 1 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet Fondamentali.

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

i. Tiddikjara li minħabba raġunijiet premessi ġew u għadhom qed jiġu leżi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Art 1 Prot tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet Fondamentali;

ii. Tagħti rimedju xieraq u opportun, tiddikjara li l-esponenti huma intitolati danni materjali minħabba li ġew u għadhom qed jiġu leżi d-drittijiet fondamentali tal-esponenti, tillikwida l-istess danni materjali liema likwidazzjoni għandha tieħu konsiderazzjoni kemm tal-leżjoni ġja sofferta kif ukoll tal-piż eċċessiv li ser jibqgħu jġorru l-esponenti tenut kont ukoll tad-differenza tal-valur lokatizju tal-fondi fis- suq miftugħ u l-valur lokatizju riżultanti mil-mekkaniżmu veljanti taħt il-Kap 69 u tikkundanna lill-intimat sabiex tħallas id-danni hekk likwidati.

iii. Tikkundanna lill-intimat li jħallas id-danni morali (non pekunjarji) spettanti lill-esponenti tenut kont ir-riżultanzi tal-ewwel talba.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni''.

Rat ir-risposta tal-Intimat Avukat tal-Istat preżentata fit-28 ta' Ottubru li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:-

1. ''Illi preliminarjament għandha ai termini tal-artikolu 175(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta issir korrezzjoni fl-okkju sabiex isem l-esponent jaqra Avukat tal-Istat';

2. Illi preliminarjament, ir-rikorrenti jeħtieġu li jġibu prova ċara tat-titolu tagħhom li turi kif il-proprjeta' bl-indirizz 80 (ġa numru 9), Triq il-Baċir, Msida kif ukoll il-proprjeta' bl-indirizz 12, Triq Francesco Buħaġiar, Qrendi jappartjenu lilhom;

3. Illi preliminarjament u bla ħsara għall-premess, ir-rikorrenti għandhom iġibu prova xierqa li turi kif il-proprjetajiet in kwistjoni huma tassew soġġetti għall-kirja protetta taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi preliminarjament u bla ħsara għall-premess, l-esponent jeċepixxi ukoll illi din l-Onorabbli Qorti għandha ukoll taċċerta ruħha jekk huwiex il-każ illi jiġu kjamati in kawża l-inkwilini Mary Anne (Mananni) Cini u Giorgia Chircop u dan sabiex il- ġudizzju jkun integru;

5. Illi bla ħsara għall-premess, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fattt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda;

6. Illi bla ħsara għall-premess, jekk jirriżulta li hemm kirjiet protetti taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jista' qatt jinstab ksur għaż-żmien tat-terminu oriġinali tal-kirja li jista' jirriżulta waqt it-trattazjoni tal-kawża. Kull ilment marbut mal-kondizzjonijiet imposti fit-terminu oriġinali tal-kirja huwa direttament attribwibbli għall-ftehim li setgħu kkuntrattaw ir-rikorrenti

jew l-antecessuri fit-titolu tar-rikorrenti u dan dejjem skond il-prinċipju fondamentali ta' pacta sunt servanda;

**7.** Illi bla ħsara għall-premess, f'kull każ ma jistax jinstab ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti għal dawk il-perjodi li l-istess rikorrenti ma kellhom l-ebda jedd fil-liġi li jirċievu l- frottijiet tal-istess proprjetajiet in mertu;

**8.** Illi bla ħsara għall-premess, anke għall-perjodu ta' wara l- iskadenza tat-terminu oriġinali tal-kirjiet u l-perjodu ta' minn meta r-rikorrenti seta' beda jkollhom jedd li jirċievu l-frottijiet tal-istess proprjetajiet, id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti xorta waħda ma ġewx mittiefsa;

**9.** Illi bla ħsara għal premess, u sa fejn ir-rikorrenti qed jilmentaw li l-inkwilini sa issa gawdew *security of tenure* u inoltre ma kienx possibbli għall-esponenti li jitħallsu kera ekwivalenti għall-prezz tas-suq għal għexierem ta' snin u dan minħabba d-dispożizzjonijiet tal- Artikolu 3 u 4 tal-Kap.69 kif kienu veljanti qabel Gunju 2021, l- esponent iwieġeb li jeħtieġ li r-rikorrenti iġibu prova ta' fuq liema bażi l-inkwilini qegħdin jirrisjedu fil-proprjetajiet in kwistjoni a tenur tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' kif ġew komputati l-ammonti ta' kera li sal-lum tħallset. In oltre u bla ħsara għal premess, mill-lenti tal-ewwel (1) artikolu tal-ewwel (1) protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponent iwieġeb li skond il-proviso ta' dan l-artikolu Konvenzjonali l- Istat għandu kull jedd li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skond l-interess Għalhekk ma jistax jinstab ksur tal-ewwel (1) artikolu tal-ewwel (1) protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali;

**10.** Illi bla ħsara għal premess, id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom: (i) għan leġittimu għax joħorġu mill-liġi; (ii) huma fl-interess ġenerali għax huma maħsuba biex jipproteġu persuni milli jiġu mkeċċija mid-dar tal-abitazzjoni tagħhom; u (iii) jżommu bilanċ ġust u ekwu bejn l-interessi tas-sid, tal-kerrej u tal-poplu b'mod ġenerali;

**11.** Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, bid-dħul fis-seħħ tal- Att XXIV tal-2021, ir-rikorrenti ċertament ma jistgħux jilmentaw li l-kirja ma tistax togħla b'mod proporzjonat. Dan għaliex skond l-artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta huma jistgħu jitolbu lill-Bord li jirregola l-Kera li l-kera tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal- valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni fl-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena li matulha jiġi preżentat ir-rikors. Din ir-rata żżomm bilanċ tajjeb bejn l-interessi tas-sid u tal-kerrej. Għalhekk ma huwiex minnu li d-drittijiet tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-possedimenti qed jiġu leżi u lanqas ma huwa minnu li l-piż li qegħdin iġorru r-rikorrenti huwa wieħed sproporzjonat. Lanqas ma huwa minnu li mhux qed jinżamm bilanċ ġust u xieraq;

Illi hekk ukoll, dejjem skond l-artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti jistgħu jitolbu li jieħdu lura l-post u ma jġeddux il-kirja, jekk juru li l-inkwilini ma ħaqqhomx li jkollhom protezzjoni mill-Istat;

Illi għalhekk meta wieħed jiżen dan kollu, t-talba għal dikjarazzjoni li d-drittijiet fondamental tar-rikorrenti kif sanċiti fl-ewwel (1) artikolu tal-ewwel (1) protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali ġew u għadhom qed jiġu leżi hija infondata u għandha tiġi miċħuda.

**12.** Illi bla ħsara għall-premess, l-emendi li daħlu fis-seħħ permezz tal-Att XXIV tal-2021 ma jiksrux l-ewwel (1) artikolu tal-ewwel (1) protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali;

**13.** Dejjem bla ħsara għal dak sueċċepit, f'kull każ, ir-rikorrenti ma jistgħux jinvokaw l-ewwel (1) artikolu tal-ewwel (1) protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali biex jilmentaw dwar ġrajjiet li seħħew qabel it-tletin (30) ta' April tas-sena elf, disa' mija u sebgħa u tmenin (1987). Dan qed jingħad għaliex skond l-artikolu 7 tal- Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, ebda ksur tal-ewwel (1) artikolu tal-ewwel (1) Protokoll li jsir qabel it-tletin (30) ta' April tas-sena elf, disa' mija u sebgħa u tmenin (1987) ma għandu jagħti lok għal xi azzjoni taħt l-artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

**14.** Illi stante li ma ġewx u ma humiex qegħdin jiġu leżi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, jsegwi li t-talbiet konsegwenzjali tar-rikorrenti ma għandhomx jintlaqgħu;

**15.** Illi bla ħsara għall-premess, rigward it-talba għal danni materjali in kwantu fi kliem ir-rikorrenti fir-rikors promotur tal-leżjoni ġja sofferta kif ukoll tal-piż eċċessiv li ser jibqgħu jġorru l-esponenti tenut kont ukoll tad-differenza tal-valur lokatizju tal-fondi fis-suq miftugħ u l-valur lokatizju riżultanti mil-mekkaniżmu veljanti taħt il-Kap 69' (emfażi miżjuda), l-esponent jsostni li ma ġewx u ma humiex qegħdin jiġu leżi id-drittijiet fondamentali tar- rikorrenti. Bla ħsara għall-premess, l-esponent jeċepixxi li l- Qorti ma tistax tillikwida danni rigwardanti leżjoni li r-rikorrenti allegatament jistgħu fil-futur isoffru u dan stante li kwalunkwe danni li jistgħu jiġu likwidati huma bbażati fuq leżjoni li tkun ġiet sofferta u mhux fuq suppożizzjoni ta' x'jista' jiġi soffert fil-futur;

**16.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri kif permessi bil-liġi.

Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl- ispejjeż kontra tagħhom''.

Rat ir-risposta tal-kjamata fil-kawża Josephine sive Ġuża Gatt, preżentata fil-11 ta' Marzu 2022 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:-

''Illi preliminarjament peress li r-rikors tar-rikorrenti huwa indirizzat in parte kontra Mary Anne (Mananni) Cini, kif ntwera fil-mori tal-kawża Mary Anne (Mananni) Cini mietet fil-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u tlieta (2003). F'dan ir-rigward, l-esponenti kjamata in kawża Josephine Gatt qiegħda taċċetta li r-rikors promutur qiegħed indirizzat lejha bħala l-inkwilin tal-fond 80, Triq il-Baċir Imsida għal dawn l-aħħar dsatax-il-sena u mhux lejn id- defunta ommha Mary Anne (Mananni) Cini, u dan

billi l-esponenti Josephine Gatt kienet tgħix f'dan il-fond flimkien ma ommha mindu kienet zgħira, hemmek rabbiet l-erbgħa uliedha u wara l-mewt ta' ommha baqgħet tgħix fl-istess fond flimkien ma tnejn minn uliedha, u fejn għadha tgħix sal-ġurnata tal-lum.

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti kontra l-istess rikorrenti, u dan għas-segwenti raġunijiet li qed jiġu ndikati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti jridu iġibu prova tat-titolu tagħhom;

2. Illi sabiex jiġi stabilit liem huma l-liġijiet applikabbli għal każ odjern ir-rikorrenti jridu jġibu prova jekk il-fond de quo hux dekontrallat;

3. Illi pari passu ma' din il-kawża kostizzjonali, ir-rikorrenti fetħu kawża quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera sabiex jgħollu l-kera li jirċievu minn għand l-esponenti. F'dan ir-rigward, u kif se jintwera fil-mori ta' din il-kawża, il-fond de quo kull m'hu mezzanin antik ġewwa l-Imsida li għandu kamra tas-sodda waħda, kċina żgħira u kamra tal-banju (shower) żgħira. Dan il-fond jinsab soprapost għal remissa fejn jinżammu ż-żwiemel u stante id-daqs, il-qagħda u l-kundizzjoni tiegħu għandu valur baxx. Għalekk f'dan l-istadju r-rikorrenti ma jistax jantiċipaw l-eżitu tal-proċeduri ordinarji sufferiti sabiex minn issa jillamentaw li l-liġijiet applikabbli jmorru kontra xi drittijiet tagħhom. Semmai r-rikorrenti l-ewwel misshom stennew l-eżitu tal-kawża quddiem il-Bord biex jaraw x'se tkun d-disproporzjon tal-kera bejn dik li tippermetti l-liġi u dik ta' fuq is-suq, imbgħad jekk ikun il-każ jaraw hemmx il-lok għal dawn il-proċeduri straordinarji. Illi dan l-insenjament insibuħ f'diversi sentenzi ta' din l-Onorabbli Qorti fosthom f' Dr. Mario Vella et vs Joseph Bannister et (Qorti Kostizzjonali, 7 ta' Marzu 1994) fejn ingħad "..*Meta hu ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad danni li qed jilmenta, bħala principju generali dawn għandhom jigu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura Kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jigu etawriti jew meta m'humiex disponibbli";*

4. Illi r-rikorrenti ma jistawx lanqas jillamentaw li d-drittijiet tagħhom ġew leżi mill-bidu tal-kirja. Dan qiegħed jingħad għax wara kollox fil-passat żgur kien hemm żmien fejn r-rikorrenti kien jaqblilhom li jikru il fond de quo lill-avanti kawża tal-esponenti u li r-rikorrenti nfushom u l-predeċessuri fit-titolu tagħhom dejjem aċċettaw il-kirja miftehma u/jew stabilita mil-liġi. Di piu' ir-rikorrenti qatt ma lmentaw mal-esponenti għal xi lanjanza fir-rigward tal-istess kera, għalekk ir-rikorrenti iridu jġibu prova f'liema perjodu tal-kera ħassew li liġijiet viġenti bdew jiksru xi drittijiet fundamentali tagħhom u mhux sempliċement jgħidu li "*ma setawx jitħallsu kera ekwivalenti għall- prezz tas-suq għal-għexieren ta' snin*" mingħajr ma jġibu l-iċken prova ta' meta*;*

5. Illi l-intimata Josephine Gatt m'għandiex tirrispondi dwar il-validita ta' liġijiet li qiegħdin jiġu kontestati u dan peress li bħala ċittadina hija m' hijiex l-awtur ta' dawn il-liġijiet iżda qiegħda sempliċiment tipprevalixxi ruħha mill-provvedimenti tal-liġijiet viġenti u statutorjament validi, għalekk bl-ebda mod ma tista' qatt tkun responsabbli qua ċittadina privata ta' xi leżjoni ta' drittijiet fondamentali tar-

rikorrenti u għalhekk la għandha tiġi kkundannata tħallas xi kumpens wisq anqas l-ispejjeż ta' din il-kawża;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet l-esponenti umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom''.

Rat ir-risposta tal-Intimat Joseph Chircop qua kuratur tal-kjamata fil-kawża Ġeorġia Chircop, preżentata fil-5 ta' April 2022 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:-

1. ''Illi in *primis* fir-rispett ta' kwistjonijiet proċedurali Joseph Chircop jiddikjara li huwa qiegħed jirrispondi preżentement għat-talbiet ta' r-rikorrenti f'din il-proċedura għan-nom ta' ommu, Georgia Chircop stante li reċentement u ċioe' mill-bidu ta' Novembru 2021 saħħet Georgia Chircop iddeterjorat tant li hija inkapaċi tidħol f'dawn il-proċeduri f'dan l-istadju u di fatti l-istess Joseph Chircop flimkien ma' ħutu qegħdin fil-bidu li jibdew proċeduri għal- interdizzjoni tal-istess Georgia Chircop, kif juri mill-istess dokument hawn anness u immarkat bħala Dok. GCO. L-istess Joseph Chircop jiddikjara wkoll li huwa qiegħed jagħmel użu minn prokura li ingħatat lilu għal deterjorazzjoni tal-qagħda medika tal-konvenuta Georgia Chircop sabiex jintavola din ir-risposta, liema prokura ġenerali qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. GCO.

2. Illi in primis u in materja, it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront ta' l-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom fil-konfront ta' Georgia Chircop;

3. Illi in vena preliminari wkoll, u bla preġudizzju għas-suespost, fir-rigward tal-allegat vjolazzjoni tad-drittijiet umanitarji u fundamentali tar-rikorrenti qua sidien tal-propjeta' 12, Triq Francesco Buħaġiar, Qrendi l-esponenti preżentement jiddikjara li huwa m'għandux iwieġeb għal dan l-allegat ksur u se mai għandu jkun l-Istat li għandu jwieġeb għal dan l-allegat ksur, u dan peress li l-Liġi li qiegħda tiġi attakkata saret mill-Istat u Georgia Chircop bħala inkwilina kull ma għamlet huwa li osservat il-Liġi viġenti u saħansitra anke issottometiet ruħha b'mod tajjeb u rigoruż ma' kull emenda legali li kien hemm f'tali Liġi li qiegħda tiġi attakata;

4. Illi mingħajr preġudizju għas-suespost, in kwantu għall-fatt li t-talba tar-rikorrenti hija bbażata fuq allegat ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja) (l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta), jiġi rilevat li ma hemm ebda ksur ta' dan l-Artikolu stante illi l-Liġijiet li jirregolaw il-kirja de quo ma jipprevedux id-deprivazzjoni totali tal-proprejta, iżda se mai, jirrigwardaw il-kontroll jew limitazzjoni tal-użu ta' proprjeta, u in oltre, l-kera in kwistjoni fuq 12, Triq Francesco Buħaġiar, Qrendi hija waħda protetta.

5. Illi l-esponenti qiegħda tgawdi d-drittijiet tagħha fuq il-propjeta de quo b'titolu ta' kera kif permessi skond il-Liġi u fl-ammont ta' kera kif stabbilita taħt il-Liġijiet tal-Kera u għalhekk m'hijiex qed tippreġudika id-drittijiet tar-rikorrenti. Oltre dan, reċentement il-kera li qiegħda tiġi mħallsa ġiet ikkalkulata wkoll a bażi ta' test tal-mezzi wara sentenza finali mill-Bord li Jirregola l-kera liema sentenza qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. GC1 u dan sussegwentement għall-emendi fil-Liġi ta' Gunju tas-sena 2021 permezz tal- Att XXIV b'mod partikolari l-Artikolu 4A (2) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Illi in finis, l-esponenti ma għandiex tiġi preġudikata finanzjarjament billi hija ma kisret ebda Liġi, ma wettqietx direttament l-ebda lezjoni ta' drittijiet tar-rikorrenti f'dawn il-proċeduri imma biss għamlet użu minn dritt legali mogħti lilha permezz tal-Liġijiet tal-kera nostrana li fuq kollox għadhom fis-seħħ u applikabbli sal-preżent.

7. Illi jekk se mai r-rikorrenti jħossu li m'hemmx "fair balance" "proportionality" bejn id-drittijiet tal-individwi involuti dan ma wettqitux ċertament Georgia Chircop imma se mai jaħti l-Istat in linea mal-ġurisprudenza nostrana u l-prinċipju fundamentali tal-Liġi li qui sui utetur neminem laedere videtur;

8. Illi għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront ta' l-esponenti Giorgia Chircop kif debitament rappreżentata għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li l-esponenti jista' jkollha skond il-Liġi.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti kollha li huma minn issa nġunti in subizzjoni''.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-Tnejn 3 ta' Ottubru 2002 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Punti ta' fatti</u>**

Din il-kawża tirrigwarda żewġ fondi, dak numru 80 (ġia numru 9) Triq il-Baċir, Msida u dak numru 12 Triq Francesco Buħaġiar, Qrendi.

<u>Il-fond numru 80 (ġia numru 9) Triq il-Baċir, Msida</u>

Dan il-fond ilu mikri lill-intimata kjamata in kawża Josephine Gatt u l-antekawża minnha, ċioe ommha, sa mis-sena 1969 (ara irċevuti tal-kera a' fol 151 sa 196).

L-inkwilina intimata għadha sal-lum, flimkien ma tnejn minn uliedha, tokkupa l-fond *ope legis* bl-istess titolu ta' kera bis-saħħa tal-artikolu 3 tal-Kap 69 (ara affidavit Josephine Gatt a' fol 52).

Il-kera oriġinali kienet LM9.30c fis-sena (ara irċevuti a' fol 151 u 152). Fis-sena 2010 din bdiet tgħola skont il-liġi permezz tal-Att X tal-2009. Preżentament il-kera mħallsa mill-inkwilini Caruana hija ta' €209 (ara rċevuta a' fol 196). Il-kera baqgħet tiġi aċċettata bla riżervi sas-sena 2020. Mis-sena 2021 il-kera bdiet tiġi aċċettata mingħajr preġudizzju (ibid.).

Ma huwiex magħruf jekk il-fond in kwistjoni huwiex fond dekontrollat.

Jirriżulta li ftit xhur qabel ma ġiet preżentata din l-azzjoni, preċiżament fil-14 ta' Ġunju 2021, r-rikorrenti preżentaw rikors numru 173/2022MV quddiem il-Bord li Jirregola l-kera sabiex il-kera tiżdied ai termini tal-artikolu 4A kif introdott bl-Att XXIV tal-2021 (ara premessa numru 3). Minn indaġni li għamlet din il-Qorti jirriżulta li dan ir-rikors jinstab differit għas-Sentenza in difetto ostakolo għas-7 ta' Frar 2023.

**<u>Il-fond numru 12 Triq Francesco Buħaġiar, Qrendi</u>**

Dan il-fond ilu mikri lill-inkwilina Ġeorġia Chircop 'għal ċirka sittin sena' (ara affidavit Joseph Chircop a' fol 111).

L-inkwilina Intimata għadha sal-lum, flimkien ma' binha kuratur tagħha Joseph Chircop, tokkupa l-fond *ope legis* bl-istess titolu ta' kera bis-saħħa tal-artikolu 3 tal-Kap 69 (ibid.).

Fis-sena 2010, l-kera oriġinali bdiet tgħola skont il-liġi permezz tal-Att X tal-2009. Sal-10 ta' Marzu 2022 il-kera hekk regolata kienet tammonta għal-€206.50 fis-sena (ara rċevuta a' fol 198).

Permezz ta' deċiżjoni mogħtija fid-9 ta' Diċembru 2021, il-Bord li Jirregola l-Kera ddeċida fuq l-ewwel talba tar-rikors istitwit quddiemha mir-Rikorrenti a tenur tal-artikolu 4A kif introdott bl-Att XXIV tal-2021 billi laqgħeta u ordnat li l-kera tiżdied fl-ammont ta' €1,600 fis-sena b'effett mill-iskadenza li tmiss li kienet tagħlaq fl-10 ta' Marzu 2022 (ara sent a' fol 58).

Il-kera baqgħet tiġi aċċettata bla riżervi sas-sena 2022. Min din is-sena 2023 il-kera bdiet tiġi aċċettata mingħajr preġudizzju (ibid.).

Ma huwiex magħruf jekk il-fond in kwistjoni huwiex fond dekontrollat.

**<u>Punti ta' Liġi</u>**

Din hija azzjoni ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-Rikorrenti qed tilmenta li l-applikazzjoni tal-provedimenti tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Att X tal-2009 u liġijiet oħra viġenti jiksru d-drittijiet fundamentali tagħha għat-tgawdija tal-fond in kwistjoni sanċit fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta).

Dan għaliex "*l-protezzjoni mogħtija lill-inkwilini intimati Ancilleri bid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Att x tal-2009 m'humiex*

*ġusti u ma jikkreawx bilanċ ta' proporzjonalitá bejn id-drittijiet tas-sidt u dawk tal-inkwilina stante li l-valur lokatizzju tal-fond huwa ferm ogħla minn dak stabbilit fil-liġi*" (ara premessa 7).

Dawn ir-raġunijiet huma l-istess raġunijiet li fuqhom il-Qorti Ewropeja konsistentement sabet ksur tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni fid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 u l-emendi bl-Att X tal-2009 kif kienu viġenti qabel l-emendi ntrodotti bl-Att XXIV tal-2021. Dan għaliex jikkostitwixxu interferenza mad-drittijiet tal-proprjetá tas-sid li hija inkompatibbli mat-tielet prinċipju ta' bilanċ ġust stabbilit fl-imsemmi artikolu protokollari. Tali nterferenza kkawżata b'dawn id-dispożizzjonijiet ma żżommx "bilanċ xieraq" bejn l-esiġenzi tal-interess ġenerali tal-komunitá u l-ħtieġa tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-individwu. Dan minħabba raġunijiet indikati mir-Rikorrenti fil-premessi. Il-Qrati tagħna baqgħu jsegwu din il-pożizzjoni kif adottata mill-Qorti ta' Strasburgu (ara espożizzjoni dettaljata tal-prinċipji ġurisprudenzjali stabbiliti mill-Qorti Ewropea kif riflessa fil-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin fis-**sentenza Margaret Caruana et -vs- L-Avukat Ġenerali et, Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) (per Imħallef Joseph Zammit McKeon), tat-18 ta' Marzu 2021;** ara wkoll fost oħrajn **Rita Falzon -vs- Dun Saverin sive Xavier Cutajar et, Qorti Ċivili [Sede Kostituzzjonali] per Imħallef Francesco Depasquale, tal-20 ta' Ottubru 2021**).

Bl-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-2021, daħal fis-seħħ l-artikolu 4A fil-Kap. 69. Dan l-artikolu jipprovdi lir-Rikorrenti r-rimedju ordinarju li, mill-1 ta' Ġunju 2021, tadixxi quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera. Dan sabiex titlob reviżjoni tal-

Kera mibdija qabel l-1 Ġunju 1995 b'applikazzjoni tal-Kap. 69 għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena jew titterminaha jekk jirriżulta li l-kerreja ma jissodisfawx il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi msemmija taħt l-imsemmi artikolu 4A. Kif jirriżulta mill-fatti senjalati supra, r-rimedju mogħti taħt dan l-artikolu ġie fil-fatt użufruwit mill-istess rikorrenti.

Dan l-artikolu 4A tal-Kap. 69 huwa simili ħafna għall-artikolu 12B tal-Kap. 158 li ġie wkoll emendat bl-istess Att XXIV tal-2021. Il-**Qorti Ewropea fis-sentenza Cauchi v. Malta deċiża fil-25 ta' Marzu 2021** sabet li d-diskrezzjoni li l-artikolu 12B jagħti lill-Bord li Jirregola l-Kera sabiex, f'każ li l-kerrej ma jkollux il-meżżi biex iħallas kera f'ammont ta' 2% tal-valur (li huwa l-massimu hemm prefiss), (i) jżid il-kera b'mod gradwali matul is-snin u/jew (ii) jiffissa kera baxxa f'ammont li jista' jkun ferm inqas mill-massimu imsemmi, tħalli lis-Sid jerfa hu, minflok l-Istat, il-biċċa l-kbira tal-piż soċjali u finanzjarju fil-provvista ta' akkomodazzjoni għall-individwu. Din id-diskrezzjoni għaldaqstant wasslet lil-Qorti Ewropea sabiex tikkonkludi li l-Artikolu 12B ma ġiex imfassal biex jittratta b'mod effettiv u sinifikanti l-kwistjoni tal-interferenza sproporzjonata li tirriżulta mill-liġijiet applikabbli tal-kera. Dan għaliex jippermetti lill-awtoritajiet ġudizzjarji jagħtu kera inadegwata li ma hiex kapaċi ġġib il-leżjoni fit-tmiema fi żmien raġonevoli (ara paragrafu 83).

B'applikazzjoni ta' dan l-insenjament għall-artikolu 4A tal-Kap. 69, li jħaddan proċedura identika għal dik tal-artikolu 12B tal-Kap. 158, huwa għalhekk meħtieġ li, sabiex jiġi kunsidrat ilment kostituzzjonali u/jew konvenzjonali fir-rigward tar-rimedju mogħti taħt dan l-artikolu, l-istess irid l-ewwel jiġi eżawrit

quddiem il-Qrati ordinarji kif hekk għamlu r-Rikorrenti. Dan sabiex il-Qorti Kostituzzjonali tkun f'qagħda li tiddetermina jekk, fid-dawl tal-insenjament mogħti fis-sentenza msemmija Cauchi v. Malta, id-diskrezzjoni użata minn dawn il-Qrati hijiex jew le leżiva tad-drittijiet fundamentali tar-Rikorrenti.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Permezz tat-tieni eċċezzjoni preliminari, l-Avukat tal-Istat issolleva l-ħtieġa li r-rikorrenti jġibu prova ċara tat-titolu tagħhom fuq il-proprjetá in kwistjoni. Din l-eċċezzjoni ġiet ukoll sollevata mill-intimata kjamata in kawża Josephine Gatt (ara l-ewwel eċċezzjoni).

In sodisfazzjoni ta' din l-eċċezzjoni, r-Rikorrenti Paul Galea preżenta affidavit fejn iddikjara li "*dawn il-postijiet kienu tal-ġenituri tiegħu Joseph Galea – deċ 30/9/1983 u Rosina Galea – deċ 7 ta' Settembru 2009) u mal-mewt tagħhom writnihom jien u ħuti Salvu, Mary Demicoli, Theresa, Maria Dolores, George u Carmen Vella. Oħti Carmen illum hija nieqsa u wirtuha wliedha ċioe Rose cortis, Jane Farrugia u Helen Busuttil*." (ara affidavit a' fol 15). In sostenn ta' dan, ir-rikorrent Pawlu Galea preżenta biss dikjarazzjoni causa mortis ta' ommhom Rosina Galea datata 21 ta' Jannar 2010 (a' fol 21). Hemm ġie dikjarat li "*skond testment magħmul fl-atti tan-Nutar Joseph Agius tat-tletin (30) ta' Awwissu, elf disa' mija u tnejn u tmenin (1982) hi [Rosina Galea] ħalliet eredi tagħha lil fuq imsemmija uliedha, ndaqs bejniethom minbarra xi legati.*" Dan it-testment ma ġiex preżentat. Jirriżulta wkoll mill-istess dikjarazzjoni li jekk qatt, mhux is-sehem sħiħ ta' dawn il-fondi ġie hekk devolut lir-rikorrenti iżda biss nofs indiviż ta' dan is-sehem.

Fil-paragrafi 10 sa 16 tan-nota tiegħu, l-Avukat tal-Istat jinsisti li r-rikorrenti ma ġabux l-aħjar prova a tenur tal-artikoli 559 u 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan għal raġuni li "*dikjarazzjoni causa mortis hija dikjarazzjoni unilaterali u li bl-ebda mod ma hija prova suffiċjenti li fid-data ta' meta infetħet il-kawża, il-proprjetajiet li jissemgħu fid-dikjarazzjoni causa mortis kienu għadhom jappartjenu lir-rikorrenti. Iżda jekk din il-Qorti kellha tqis id-dikjarazzjoni causa mortis bħala prova sufficenti tat-titolu tar-rikorrenti, xorta waħda dak li ġie pruvat huwa li uħud mir-rikorrenti u ċioe' Salvu Galea, Mary Demicoli, Paul Galea, Theresa Galea, Maria Dolores sive Doris Galea u George Galea u ċertu Carmen Vella wirtu nofs indiviż ta' dawn il-proprjetajiet. Fuq din id-dikjarazzjoni causa mortis serhet ukoll Carmen Vella, li iżda ma hijiex waħda mir-rikorrenti. Għalhekk ma nġabet l-ebda prova li dawn ir-rikorrenti huma s-sidien tal-proprjetajiet in kwistjoni fl-intier tagħhom.*"

L-intimat Avukat tal-Istat jissottometti wkoll li "*ma nġabet l-ebda prova li Rose Cortis, Jane Farrugia u Helen Busuttil huma l-werrieta ta' Carmen Vella u li dawn il-proprjetajiet għaddew f'isimhom u jekk għandhom sehem minn dawn il-proprjetajiet, id-data meta allegatament tali sehem għadda f'isimhom. Għalhekk ir-rikorrenti Rose Cortis, Jane Farrugia u Helen Busuttil ma pruvawx it-titolu tagħhom tal-proprjetajiet in mertu u għalhekk ma ġewx leżi d-drittijiet fundamentli a tenur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali. Konsegwentement ma għandhomx jirċievu kumpens.*"

L-intimat Avukat tal-Istat isejjes dawn is-sottomissjonijiet fuq Sentenza mogħtija minn din il-Qorti diverżament presjeduta (per Imħallef Lawrence Mintoff) fl-ismijiet **Marguerite sive Greta mart Tony Nicholl et vs Avukat tal-Istat et mogħtija fil-15 ta' Lulju 2022**. F'din is-sentenza, li għadha *sub judice*, ġie rilevat dan li ġej:

"*Ir-rikorrenti ġabu prova tal-mod kif is-sehem ta' Veronica Micallef Eynaud iddevolva favur uliedha wara li din ġiet nieqsa fl-14 ta' Jannar, 2012. Minkejja dan iżda, ma nġabet l-ebda prova u ma nġabu l-ebda provi dokumentarji dwar il-mod kif is-sehem ta' Alexandra Borg Olivier iddevolva favur l-eredi tagħha, jew dwar il-mod kif is-sehem ta' Gerald Mattei iddevolva favur l-eredi tiegħu. Il-Qorti għalhekk għandha d-diffikultajiet tagħha dwar it-titolu reklamat mill-eredi preżunti ta' Alexandra Borg Olivier u ta' Gerald Mattei, partikolarment meta jirriżulta pależament li ħadd mir-rikorrenti għajr għal Marguerite sive Greta Nicholl ma ħadu sehem attiv jew urew interess f'dawn il-proċeduri. Il-Qorti għalhekk tibda billi tispjega li għandha diffikultà takkolji t-talbiet imressqa f'isem uħud mir-rikorrenti, li ma ġabu l-ebda prova dwar kif huma għandhom sehem minn dan il-fond, u b'liema mod dan is-sehem iddevolva fuqhom, minkejja l-eċċezzjonijiet sollevati kemm mill-Avukat tal-Istat kif ukoll mill-intimati Darmanin sa mill-bidu ta' dawn il-proċeduri. Il-Qorti tirrileva li f'kawżi ta' din ix-xorta, fejn il-pretensjoni tar-rikorrenti hija għall-ħlas lilhom ta' kumpens li jammonta għal eluf ta' euro, li jridu jitħallsu lilhom minn fondi pubbliċi, ir-rikorrenti ma kellhomx jistrieħu fuq sempliċi dikjarazzjoni li saret minn waħda minnhom dwar il-mod kif intirtu l-ishma fil-fond, iżda kellhom iġibu l-aqwa prova, f'dan il-każ fil-forma ta'*

*riċerki testamentarji u kopji tat-testmenti li saru. Tali provi huma nieqsa kompletament mill-proċess, u għalhekk il-Qorti ma tistax takkolji t-talbiet imressqa mir-rikorrenti Avukat Alexander Borg Olivier, George Simonds, Stefano Borg Olivier, Jean-Claude Alexander Borg Olivier, Alexander Bethune Mattei, u Lydia Mattei, in vista tan-nuqqas ta' prova dwar it-titolu tagħhom fuq il-fond.*"

Huwa tabilħaqq minnu li, qabel ma timbarka fuq analiżi sostantiva taċ-ċirkostanzi taħt dan l-artikolu Konvenzjonali, l-Qorti għandha l-ewwel tkun sodisfatta li dan l-artikolu huwa applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ. Fi kliem ieħor, il-Qorti għandha l-ewwel teżamina f'kull każ jekk iċ-ċirkostanzi tal-kawża, fl-assjem tagħhom, jikkonferux fuq ir-Rikorrenti titolu għal dawk il-"possedimenti" protetti fl-ewwel parti tal-ewwel artikolu protokollari tal-Konvenzjoni.

F'dan ir-rigward ġie ribadit mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEBD) li "*The concept of "possessions" referred to in the first part of Article 1 of Protocol No. 1 has an autonomous meaning which is not limited to ownership of physical goods and is independent from the formal classification in domestic law, certain other rights and interests constituting assets can also be regarded as "property rights", and thus as "possessions" for the purposes of this provision.* ***The issue that needs to be examined in each case is whether the circumstances of the case, considered as a whole, conferred on the applicant title to a substantive interest protected by Article 1 of Protocol No. 1***" (**Anheuser-Busch Inc. v. Portugal** [GC], § 63; **Öneryıldız v. Turkey** [GC], § 124;

**Broniowski v. Poland** [GC], § 129; **Beyeler v. Italy** [GC], § 100; **Iatridis v. Greece** [GC], § 54; **Centro Europa 7 S.R.L. and di Stefano v. Italy** [GC], § 171; **Fabris v. France** [GC], §§ 49 and 51; **Parrillo v. Italy** [GC], § 211; **Béláné Nagy v. Hungary** [GC], § 76; **Elif Kizil v. Turkey**, § 61) (emfażi u sottolinear ta' din il-Qorti).

Il-QEBD tkompli tafferma li "*Article 1 of Protocol No. 1 does not guarantee the right to acquire property (see Van der Mussele v. Belgium, judgment of 23 November 1983, Series A no. 70, p. 23, § 48; Kopecký v. Slovakia [GC], no. 44912/98, § 35, ECHR 2004-IX). This provision does no more than enshrine the right of everyone to the peaceful enjoyment of "his" possessions, and that consequently it applies only to a person's existing possessions (see Marckx v. Belgium, judgment of 13 June 1979, Series A no. 31, p. 23, § 50). Where a person actually possessed a property and was considered its owner for all legal purposes he or she can be said to have had a"possession" within the meaning of Article 1 of Protocol No.1 (see Bečvář and Bečvářová v. the Czech Republic, no. 58358/00, § 131, 14 December 2004). "Possessions" can also be assets, including claims, in respect of which the applicant can argue that he or she has at least a "legitimate expectation" of obtaining effective enjoyment of a property right (Kopecký, ibid, § 35). By way of contrast, the hope of recognition of a property right which it has been impossible to exercise effectively cannot be considered a "possession" within the meaning of Article 1 of Protocol No. 1. A "legitimate expectation" must be of a nature more concrete than a mere hope, and must be based on a legal*

*provision or a legal act such as a judicial decision (Kopecký, ibid, §§ 35, 49).* ***A person who complains of a violation of his or her right to property must first show that such a right existed*** *(see Pištorová v. the Czech Republic, no. 73578/01, § 130* [recte § 38]*, 26 October 2004).*" (**Zhigalev v. Russia**, § 131; ara wkoll **Centro Europa 7 S.R.L. and di Stefano v. Italy** [GC], § 173; **Saghinadze and Others v. Georgia**, § 103; **Ceni v. Italy**, § 39; **Béláné Nagy v. Hungary [GC], § 75**)

Il-Qorti Ċivili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża **Eve sive Evette Agius et vs L-Awtoritá tal-Artijiet et datata 5 ta' Ottubru 2017** bl-istess mod irriteniet li "*Effettivament **it-talba** taghhom, **kif ippernjata fuq l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll jesigi per definizzjoni prova ta' "dritt" altrimenti ma jistax jirnexxi**. ...*

*Illi kif gie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **Conrad Axisa et v Avukat Generali et** (dec. 7 ta' Awwissu 2013):*

*"15. Il-Qorti inoltre tirrepeti li l-kawżi kostituzzjonali ma humiex eżerċizzji akkademiċi sabiex fihom jiġi eżaminat xi punt legali fl-astratt u l-Qorti tagħti l-opinjoni tagħha dwaru, iżda f'kawża kostituzzjonali, li bħall-kawża odjerna ma tkunx tinkwadra bħala actio popolaris, persuna interessata tilmenta minn fatti, li jridu jiġu pruvati, li permezz tagħhom allegatament ikun ġie miksur xi dritt fundamentali tagħha liema allegazzjoni tkun kontrastata mill-persuna intimata u l-Qorti tiġi mitluba tiddeċiedi l-vertenza li konsegwenzjalment ikun żviluppat"* (emfażi u sottlinear ta' din il-Qorti).

F'dan ir-rigward l-**Qorti Ċivili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża AIC Joseph Barbara et v. Onorevoli Prim Ministru datata 4 ta' Jannar 2001** tiċċita "*L-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick, fil-ktieb taghhom "Law of the European Convention on Human Rights" (Butterworths (London)), 1995* [li] *ifissru l-kuncett ta' "possessions" fil-kuntest tal-artikolu in ezami hekk: "The English language text uses the word "possessions" to describe the protected interest but any suggestions that it should be read narrowly is refuted by the word "biens" in the French text which indicates that a wide range of proprietorial interests were intended to be protected. … . The essential characteristic is the acquired economic value of the individual interest. Expectations do not have the degree of concreteness to bring them within the idea of "possessions". Initially,* ***the ascription and identification of property rights is for the national legal system, and it is incumbent on the applicant to establish the precise nature of the right in the national law and his entitlement to enjoy it.****" (p. 517, sottolinear tal-Qorti). Fl-istess kuntest, van Dijk u van Hoof, fit-tielet edizzjoni tal-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" (Kluwer (The Hague), 1998) jghidu hekk: "According to constant case-law, "possessions" may be either existing possessions or valuable assets, including claims, in respect of which the applicant can argue that he has at least a "legitimate expectation" that they will realise. There is no question of possessions until the moment at which one can lay claim to the property concerned. As stated above,* ***a claim may constitute a "possession" in the***

***<u>sense of Article 1, but it should then be a concrete, adequately specified claim</u>***.*" (p. 622, sottolinear ukoll tal-Qorti).*"

Ir-Rikorrenti naqsu għal kollox milli jippreżentaw r-riċerki testamentarji ta' missierhom u ommhom Joseph u Rosina konjuġi Galea. Ir-Rikorrenti naqsu wkoll milli jippreżentaw ir-riċerki testamentarji ta' Carmen Vella li, skont ir-Rikorrenti Paul Galea, hija omm ir-Rikorrenti Rose Cortis, Jane Farruġia u Helen Busuttil. Huma llimitaw ruħhom biss f'li jippreżentaw il-causa mortis ta' ommhom Rosina Galea mingħajr ma anqas preżentew it-testment hemm riferut.

Il-Qorti tirrikonxxi li din id-dikjarzzjoni causa mortis ma ġietx kontestata bi prova kuntrarja. Għaldaqstant m'hemmx raġuni għalfejn din il-Qorti m'għandhiex tqisha ammissibbli. Madanakollu d-dikjarazzjoni causa mortis, waħidha, ma tirrikonoxxix lir-Rikorrenti bħala s-sidien ta' sehem sħiħ tal-proprjetajiet in kwistjoni iżda biss bħala sidien ta' sehem parzjali, ċioè is-sehem ta' nofs inidiviż u biss fil-konfront tar-Rikorrenti Paul, George, Salvatore, Mary, Theresa u Maria Dolores aħwa Galea.

Ir-Rikorrenti naqsu milli jistabbilixxu n-natura preċiża tad-dritt u l-intitolament tagħhom għat-tgawdija tan-nofs indiviż l-ieħor tal-proprjetajiet in kwistjoni u, fir-rigward tar-Rikorrenti allegatament aħwa Żammit, fir-rigward tas-sehem sħiħ tal-istess proprjetajiet. B'dan il-mod ir-Rikorrenti naqsu milli jissodisfaw l-obbligu inkombenti fuqhom taħt l-artikolu protokollari kif espress fis-sentenzi mogħtija mill-QEBD ċitati supra f'dan ir-rigward.

In propożitu u b'komplimentarjeta għas-sentenza **Marguerite sive Greta Nicholl et vs Avukat tal-Istat et ċitata mill-intimat Avukat tal-Istat** hawn fuq

riprodotta, din il-Qorti diverżament presjeduta rritenit fis-sentenza (fuq riferuta) **Eve sive Evette Agius et vs L-Awtoritá tal-Artijiet et** li, "*minkejja li giet issollevata l-eccezzjoni specifika rigward il-htiega tal-prova ta' titlu, r-rikorrenti naqqsu milli jressqu mhux biss l-ahjar prova, imma lanqas l-icken prova biex jindirizzaw il-fatti.....Ir-rikorrenti, fin-nota taghhom, lanqas ghamlu l-icken accenn ghal din l-eccezzjoni preliminari li hija tant basilari, forsi ghaliex ghalihom ma hemmx lok ta' diskussjoni. Izda din ic-certezza taghhom m'ghandhiex valur probatorju. Dak li hu cert ghar-rikorrenti jibqa' fir-relm ta' ipotezi ghall-Qorti sakemm ma jigix sorrett bi provi konkreti.*

*Illi din il-Qorti hija ferm konxja bil-gravita' ta' allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem li seta' sar, fil-kaz odjern, allegatament a diskapitu ta' Michael Camilleri u per konsegwenza, bi pregudizzju ghall-werrieta tieghu.*

*Illi izda, l-Qorti m'ghandhiex quddiemha lil Michael Camilleri imma lill-persuni li qed jallegaw li huma l-eredi tieghu u qed jippretendu rimedju mill-Istat. Ghaldaqstant ma tistax tqieshom esonerati mill-obbligu li jissoddisfaw l-onere tal-prova li jinkombi fuqhom biex jistabbilixxu dawk il-fatti li fuqhom huma ppernjati t-talbiet taghhom.*

*Effettivament it-talba taghhom, kif ippernjata fuq l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll jesigi per definizzjoni prova ta' "dritt" altrimenti ma jistax jirnexxi.*

*Dan l-Artikolu jiddisponi hekk: "Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-*

*kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali." (sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Illi kif gie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet* ***Conrad Axisa et v Avukat Generali et*** *(dec. 7 ta' Awwissu 2013):*

*"15. Il-Qorti inoltre tirrepeti li l-kawżi kostituzzjonali ma humiex eżerċizzji akkademiċi sabiex fihom jiġi eżaminat xi punt legali fl-astratt u l-Qorti tagħti l-opinjoni tagħha dwaru*, *iżda f'kawża kostituzzjonali, li bħall-kawża odjerna ma tkunx tinkwadra bħala actio popolaris, persuna interessata tilmenta minn fatti, li jridu jiġu pruvati, li permezz tagħhom allegatament ikun ġie miksur xi dritt fundamentali tagħha liema allegazzjoni tkun kontrastata mill-persuna intimata u l-Qorti tiġi mitluba tiddeċiedi l-vertenza li konsegwenzjalment ikun żviluppat".*

*Il-Qorti tikkondividi pjenament dan il-hsieb u fil-mankanza tal-prova tat-titlu taghhom u ta' Michael Camilleri* [fil-każ in eżami ta' Alfredo Pace]*, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li takkolji l-eccezzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet* [fil-każ odjern tal-Konvenut Avukat tal-Istat]."

Fid-dawl ta'  dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti tixtieq  tippuntwalizża bħala avviż ambulanti għal kull min qiegħed jagħmel dawn ix-xorta ta' kawżi. Bħal donnha daħlet id-drawwa li kemm il-partijiet u anke l-Qorti għandhom jitrattaw dawn il-Kawżi b'ċertu leġġerezza. Kważi kważi dawn il-Kawżi qishom isiru bl-istess celerita' bħal meta ssir Kawża bil-proċedura speċjali straordinarja ossia bil-giljottina. Dan ma hux il-każ aktar u aktar meta si tratta ta' azzjoni kostituzzjonali. Huwa minnu li fil-kamp kostituzzjonali l-proċedura hija anqas formali, pero dan ma japplikax għall-prova tal-azzjoni fis-sustanza tagħha.

Il-vjolazzjoni tad-dritt ilmentat mir-Rikorrenti huwa għas-sehem sħiħ tal-proprjetajiet in kwistjoni. Huma għalhekk kellhom jipprovaw id-dritt tagħhom fuq is-sehem sħiħ, u mhux parzjali, tal-istess. Ladarba dan ma sarx, il-Qorti se jkolla bl-istess mod tieqaf hawn u tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari tal-Intimata kjamata in kawża Josephine Gatt u tal-intimat Avukat tal-Istat rispettivament. Konsegwentement il-Qorti tiddikjara inammissibli t-talba tar-Rikorrenti.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-Intimat Avukat tal-Istat.**

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Intimata kjamata in kawża Josephine Gatt.**

**Tiċħad it-talbiet tar-Rikorrenti**

Bl-ispejjeż kollha jitħallsu mir-Rikorrenti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**